# Sensil il-Malti mal-Għarbi Xâmi

Meta, snin ilu, kont ktibt xi ħaġa fuq ix-xebh li hemm bejn il-Għarbi ta' Malta u l-Għarbi tal-Palestina, kont semmejt xi rqaqât li fihom li ma jixbhux lil xulxin. Issa, minn dak iż-żmien il hawn intbaħt li dak li għedt dik id-darba ma kienx għal kollox minnu.

Għedt hemmhekk li n-nies tar-raba' fix-Xâm u l-Palestina bosta drabi jbiddlu l-ħoss tal-' k ' u jagħmluh ' ċ ', u li l-Maltin ma hemmx atar li qatt kienu jagħmlu bħalhom.

M'hux hekk, balleċ!

Hawn il-laqam Ċappara, li m'hux ħaġa oħra ħlief Kappara. bil-' k ' mibdula f' ' ċ '. Hawn ix-Xatt ta' Xbiex, li hi t-tibdila ta' Ta' Xbieċ, li hi ukoll tibdila ta' Ta' Xbiek. Hawn il-laqam Bonniċi, li bħal ma jsemmi Abela, hu l-bdil tal-laqam Buniki.

Dawn huma kollha otra li dari l-Maltin kienu jitkellmu wkoll biċ- Ċ flok bil-K, bħal huthom ta' Kangħan.

Fit-taħdit, meta jidħol il-fagħal waqti (present tense), il-Għarab ta' Kangħan jehemżulu miegħu ' b '. hekk: Ana b' emxi; ent b'toqgħod; aħna b'enqôl. In-nies ta' Libnân, m'hux ' b ' jeħemżu; iżda ' m '. Dik id-darba jien kont għedt li f' Malta dina r-rqâqa mhemmx atar li kienet tinsab. Imma għedt ħażin, għax m'hux hekk.

Baqa' fdal sewwa ta' dit-teħmiża fil-priedki. Imma dan isir biss fil-kliem li fih 'tagħ', u flok ' b ' jew ' m ' tinhemeż 'minn'. Ara: "Aħwa egħżież *minn* tiegħi.... il-ħajja *minn* tagħkom.... hi għatja *minn* t'Alla..." u l-bqija.

Issa sa nsemmi ħaġa oħra li ma għandhiex x'taqsam mal-lsien, imma mad-drawwiet. Il-għaliex hawn Malta, il-Ħadd li jiġi qabel Għid iż-Żebbuġ igħidulu Ħadd Lazzru? Ftit hawn min jaf.

In-naħa tax-Xâm, tal-Palestina u tat-Transġordanja hemm drawwa li f'dan il-Ħadd li semmejna jiltaqgħu xi subien, jieħdu magħhom bixkilla u qatiegħ karti, u jmorru jduru bieb bieb jgħannu l-għanja ta' El-Għażar.

Wieħed fosthom joqgħod bil-qiegħda fl-art u sħabu jgħattuh bil-bċejjeċ tal-karti. Jibdew il-għanja l-koll flimkien (barra dak li mgħotti bil-karti) li tgħid kif Kristu qajjem lil Lazzru mill-qabar, sa ma jaslu fil-kliem: Lazzru oħroġ barra! Ma dal-kliem is-sabi ta' taħt il-Karti joħroġ, u jgħanni t-tmiem tal-għanja ma' sħabu.

Hawn għelm ieħor li juri li n-nies ta' hawn kellha x'taqsam man-nies tan-naħa l-oħra tal-baħar fi żmenijiet m'hux wisq imbiegħda.

Jingħad hawn Malta li darba l-Qormin riedu jagħmlu nkejja liż-Żebbuġin. Nhar San Filep fil-għodu kmieni l-Qormin tefgħu n-nora fil-ħwat kollha ta' l-ilma mbierek. In-nies, billi kien għadu d-dlam, ma rawhiex in-nora, u kull min mar il-Knisja dak in-nhar, u ħâ l-ilma mbierek, ċappas ġbinu biż-żebgħa ħamra.

Issa din il-ġrajja nfisha tingħad Ġerusalemm. Hemm jingħad imma lill-Griegi għamlu l-linka ħamra fil-ħwat ta' l-ilma mbierek tal-Latini, Għid il-Kbir fil-għodu, fil-Knisja tal-Qabar ta' Kristu. Jgħidu wkoll li l-Griegi bdew jgħajbu hekk lil-Latini, wara li għamlulhom il-linka:—

Min għal sâbahu għalame
Sabbaħ f'bâb il-Qijâme.

jiġifieri:— Min fuq xbinu għandu għaliema sebaħ fil-bieb tal-Qjiema (Qawna = il knisja tal-Qabar ta Kristu.)

Ftit ilu, ma' ġenb ħanut il-Belt, kien hemm żewġ irġiel jitkellmu. Meta ħelsu t-taħdita u ġew biex jinfirdu, wieħed qal lill-ieħor: "Trid nidħlu nixorbu xi ħaġa? "L-ieħor (li hu Għawdxi, għax nafu), wieġbu hekk: "Irridek qawwi sħiħ."

Din it-tweġiba ta' l-aħħar hi kollha kemm hi xamija. Dik in-naħa, meta tkun għaddej minn quddiem ħanut u tħares lejn il-bejgħa, tal-ħanut, li aktarx ikun fil-bieb, isaqsik: "Biddek xej?" (Trid xi ħaġa?) u inti, jekk ma tkun trid tixtri xejn, twieġbu: "Biddi salemtek!" li tfisser "Irrid is-sliema tiegħek," jew fi kliem ieħor, bħal ma qal dak l-Għawdxi ta' Malta, "irridek qawwi sħiħ."

Barra minn dan li għedt hawn qatigħ teftif ieħor li juri li l-Maltin, sa żmien imwaħħar ħafna, kellha xi tħallat u x'taqsam ma' l-artijiet tax-Xerq.

L. C.